*appell abbażi tal-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 ai termini ta' liema, indipendentement mill-ammont tat-talba, appell jista' jsir dejjem meta t-Tribunal allegatament ikun mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi, u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 335/2020 LM

**Neville Vella (K.I. nru. 126672M) u Jacqueline Vella (K.I. nru. 438571M), Marius Richard Cilia (K.I. nru. 477257M) u Monica Cilia (K.I. nru. 421259M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Enemalta plc (C 65836)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Enemalta plc (C 65836)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet

Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tat-22 ta' Frar, 2023, li permezz tagħha t-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti **Neville Vella (K.I. nru. 126672M) u Jacqueline Vella (K.I. nru. 438571M), Marius Richard Cilia (K.I. nru. 477257M) u Monica Cilia (K.I. nru. 421259M)** [hawnhekk 'l-appellati'] u kkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet elef, seba' mija u ħamsin Euro (€3,750) mid-data tal-preżentata tat-talba sad-data tal-ħlas sħiħ u effettiv, bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jitħallsu wkoll mill-intimata.

## <u>Fatti</u>

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegaw li fit-3 ta' Jannar, 2019, waqt li uħud minnhom kienu fi djarhom, fil-fond bin-numru 18, Sunrose Flats, Triq Għargħar 1979, Ħal Qormi [minn issa 'l-fond'], ħadu n-nar xi *wires* u *cables* tad-dawl, kif ukoll tat-telephone, fuq barra tal-istess fond. Ir-rikorrenti spjegaw li dan in-nar beda mill-*wires* tal-elettriku tal-intimata, u sussegwentement kien hemm ħsara mal-faċċata tal-fond tar-rikorrenti. Qalu li l-ispejjeż għat-tiswijiet tal-ħsarat li huma ġarrbu fuq il-faċċata tagħhom ammontaw għal €3,700. Dan l-ammont sussegwentement ġie kkoreġut għal €3,750. Meta l-intimata ġiet interpellata mir-rikorrenti sabiex tersaq għall-ħlas tal-imsemmija danni, anki permezz ta' protest ġudizzjarju, din baqgħet tirrespinġi t-talbiet tagħhom. Permezz tat-talba tagħhom lit-Tribunal, ir-rikorrenti talbu li jiġi dikjarat li l-ħsara sofferta minnhom fuq il-faċċata tal-fond seħħet minħabba ħruq ta' *wires* tal-intimata stess; li jiġi dikjarat li s-somma ta' €3,700 hija dovuta lir-rikorrenti mingħand l-intimata, li sussegwentement ġiet kkoreġuta għal €3,750. Ir-rikorrenti talbu wkoll lit-Tribunal jikkundanna lill-

intimata tħallas l-imsemmi ammont, bl-imgħaxijiet ikkalkulati sad-data tal-effettiv pagament.

3. L-intimata wieġbet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom, stante li hija ma kellha l-ebda ħtija f'din il-kwistjoni.

**Mertu**

4. Ir-rikorrent **Marius Richard Cilia**, fl-*affidavit* tiegħu ppreżentat quddiem it-Tribunal, spjega li fit-3 ta' Jannar, 2019 waqt li kien qiegħed fuq ix-xogħol huwa kien irċieva telefonata mingħand il-mara tiegħu Monica Cilia, fejn din infurmatu li kien hemm nar mal-faċċata tar-residenza tagħhom. Qal li huwa telaq minn fuq ix-xogħol u mar id-dar, fejn ftit wara waslet il-*fire engine.* Qal li huwa seta' jara li mal-art kien hemm ħafna *wires* maħruqin, u n-nar kien wasal saċ-ċint tal-bejt billi tela' mal-*wires.* Qal li wara li ntefa' n-nar, kienu marru fuq il-post ħaddiema tal-GO u tal-Melita plc għaliex anki l-*wires* tagħhom sofrew xi danni, u kkonfermaw lir-residenti tal-fond li n-nar ma kienx beda min-naħa tagħhom. Qal ukoll li l-Enemalta sewwiet il-*wires* li kkawżaw in-nar permezz ta' *wire* temporanju. Ix-xhud qal li r-rikorrenti ġabu stima tal-ħsarat li ġarrbu, u nkarigaw lill-Inġinier Edward Gatt biex jagħmel rapport sabiex jiġi stabbilit x'kien ġara. Qal li huma ġabu *quotation* mingħand MDS Construction, li kkwotat stima ta' €3,750 għat-tiswijiet meħtieġa, u qal li huma baqgħu ma tħallsux mill-intimata ta' dawn il-ħsarat.

5. Ir-rikorrenti **Monica Cilia**, fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal qalet li fit-3 ta' Jannar, 2019 kienet marret tħabbtilha bint ġirien tagħha, li infurmatha li kien hemm nar mal-faċċata tal-fond. Qalet li dak il-ħin ħarġet fil-komun tat-tieqa u rat nar jaqbad ma' xi *wires* li kien hemm mal-faċċata tar-residenza tagħha, u dak il-ħin hija infurmat lir-raġel tagħha. Qalet li sakemm waslet il-*fire engine* fuq il-post, in-nar kien laħaq żdied u tela' mal-*wires* lejn iċ-ċint tal-bejt.

6. Ir-rikorrenti **Jacqueline Vella**, fl-*affidavit* tagħha li ġie ppreżentat quddiem it-Tribunal, qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, fid-dar tagħha faqqgħet is-salvavita, u dak il-ħin l-għarus ta' bintha infurmaha li kien ra xi duħħan ġej minn quddiem il-gallerija fejn kien hemm il-bieb miftuħ. Qalet li ħarġet tittawwal u rat xi *wires* mal-faċċata tad-dar tagħha li ħadu n-nar. Kompliet tispjega li hija tfiet is-salvavita tad-dar tagħha u ħarġet tħabbat lill-ġirien tagħha biex joħorġu mill-fond. Qalet li l-Pulizija kienu l-ewwel li waslu fuq il-post u bdew jitfu n-nar permezz ta' *fire extinguisher,* u ftit wara l-*wires* reġgħu ħadu n-nar. Din ix-xhud qalet li kienu l-ħaddiema tal-*fire engine* li rnexxielhom jikkontrollaw in-nirien. Dawn id-dettalji ġew ikkonfermati mix-xhieda **Charlon Mifsud** u **Anthea Vella.**

7. Ix-xhud **Neville Vella**, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal qal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien ix-xogħol, meta ċemplitlu martu u infurmatu bl-inċident li kien seħħ fil-fond fejn jgħixu. Qal li meta huwa wasal fuq il-post, parti min-nar kien intefa. Qal li meta fuq il-post marru l-ħaddiema tal-GO u tal-Melita plc, dawn infurmawh li mill-*wires* tagħhom ma kienx hemm kurrent għaddej, u għalhekk in-nar ma kienx oriġina mill-*wires* tagħhom. Qal

ukoll li huwa kien għamel rapport tal-ħsarat mal-Enemalta, u kien ippreżenta stima tal-ħsarat li kien hemm fil-fond. Qal li huwa kien ingaġġa inġinier sabiex jivverifika n-nar minn fejn kien beda. Ix-xhud qal li minkejja li l-*quotation* miksuba kienet waħda dettaljata, is-soċjetà intimata baqgħet ma tat l-ebda risposta dwar it-talbiet tar-rikorrenti.

8. **L-Inġinier Edward Gatt**, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal qal li huwa kien ġie nkarigat minn Neville Vella biex iħejji rapport dwar il-ħsarat li ġarbu r-rikorrenti fil-fond fejn jgħixu. Qal li huwa kkonstata li dak it-tip ta' ħruq jirriżulta meta *live wire* jinqata' minn mal-Enemalta, u qal li la l-GO u lanqas il-Melita plc ma għandhom *wires* li jikkawżaw dak il-ħruq. Qal li biex ikun hemm dak it-tip ta' ħruq irid ikun hemm vultaġġ għoli li jarkja u joħloq kurrent qawwi, u b'hekk jirriżulta l-ħruq. Dan ix-xhud qal li huwa kkonstata dan kollu mir-ritratti li ra wara l-inċident għaliex huwa ngħata l-inkarigu madwar sena wara li seħħ il-ħruq.

9. **Marie Claire Tabone**, rappreżentanta tal-Melita plc xehdet quddiem it-Tribunal li mir-rapport li sar mill-Melita, irriżulta li l-*cable* li ħa n-nar huwa tal-Enemalta plc.

10. **John Stivala**, *Senior Manager* fid-Dipartiment Tekniku tal-GO plc, qal li l-kumpannija tiegħu tinstalla *wirers* tar-ram fid-djar tan-nies li minnu jgħaddi kurrent ta' ħamsin volt. Qal li dan huwa vultaġġ baxx, u li kieku wieħed kellu jmiss il-*wire* b'idejh, ma jieħux xokk. Qal li wara l-inċident tat-3 ta' Jannar, 2019, il-kumpannija kellha seba' klijenti li talbu li jsirilhom appuntament sabiex jinbidlulhom il-*wires.*

11. **PS Ian Caruana,** xehed quddiem it-Tribunal li t-Taqsima tal-Kontroll tal-Pulizija irċeviet rapport għall-ħabta tas-siegħa u għaxra ta' wara nofsinhar li kien hemm ħruq fi Triq l-Għargħar 1979, Ħal Qormi. Qal li meta huwa wasal fuq il-post ma' żewġ kollegi tiegħu, raw nirien fuq barra, li bdew telgħin ma' *wires* imdendlin mal-appoġġ. Qal ukoll li xi residenti kellhom jiġu evakwati, u għalhekk intalbet l-assistenza tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, anki minħabba l-qawwa tan-nar li beda jinfirex għal fuq l-appoġġ tal-ġirien ukoll.

12. Ir-rikorrenti ppreżentaw nota bl-istima tal-ispiża tat-tiswijiet tal-ħsarat ikkawżati min-nirien in kwistjoni.

13. **John Zammit**, *Manager* fit-Taqsima tad-Distribuzzjoni tas-soċjetà intimata qal li kienet saret investigazzjoni interna, minn fejn irriżulta li meta seħħ l-inċident in kwistjoni, ma kienx hemm interruzzjoni fil-provvista tal-enerġija, u l-ħruq seħħ *"below our area supplies".* Qal li waqt li l-ħruq kien għadu għaddej, ħaddiema tal-Enemalta kienu fuq il-post. Qal li mill-*wires* li nħarqu waqt l-inċident jgħaddi vultaġġ ta' 400 volt. Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti minn fejn jirriżulta li wara li s-soċjetà intimata investigat it-talba tar-rikorrenti, din ivverifikat li l-ħsarat ma kinux ikkawżati minn servizz jew operazzjonijiet tagħha, u għalhekk hija ma kinitx involuta fl-inċident.

14. Ix-xhud **Julian Fenech**, *line technician* mal-Melita plc, xehed quddiem it-Tribunal li l-vultaġġ li jgħaddi mill-*wires* li tinstalla l-Melita huwa ta' inqas minn 60 volt. Qal li fil-każ odjern linja tad-dawl waqgħet fuq *cable* tal-Enemalta li ħarqet il-*cables,* u għalhekk biex il-ħaddiema tal-Melita plc setgħu jagħmlu x-

xogħol meħtieġ, l-ewwel kellu jsir eżerċizzju ta' iżolament mill-ħaddiema tal-Enemalta sabiex il-*cable* jerġa' jitpoġġa f'postu, u x-xogħol seta' jsir b'mod sigur.

15. **Claudio Pace**, *line technician* ma' Melita plc, xehed quddiem it-Tribunal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa mar fuq il-post, u seta' jara li kien hemm *phase* tal-Enemalta li nqata' minn mal-*mounting* tiegħu, mess mal-*arm* tal-Enemalta u kkawża ħruq minħabba l-vultaġġ għoli li jkun għaddej minn dan il-*cable.* Qal li konsegwenza ta' dan, kien hemm *cables* tal-Melita plc li xxortjaw u ħadu n-nar. Qal ukoll li meta jkun hemm inċidenti simili, l-ħaddiema tal-Melita plc ma jmissu xejn minn fuq il-post tal-inċident qabel jaslu l-ħaddiema tal-Enemalta. Qal li meta huwa wasal fuq il-post dakinhar li seħħ l-inċident, il-ħruq kien diġà sar, u seta' jara n-nugrufun mal-faċċata tal-fond tar-rikorrenti.

16. **Carmelo Callus**, ħaddiem tal-Enemalta, xehed quddiem it-Tribunal li huwa mar fuq il-post fejn seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Qal li fuq il-post ra xi *wires* maħruqin, imma l-linji tal-Enemalta kienu f'posthom, u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa ta' tiswijiet min-naħa tal-Enemalta. Qal li meta wasal fuq il-post, huwa ma kellux għalfejn jitfi jew iwaqqaf id-distribuzzjoni għand in-nies, u kull ma kellu jagħmel kien li jivverifika li l-*wires* kienu f'posthom. Qal li normalment li jiġri huwa li meta *wire* imqaxxar jaqa' fuq il-*bracket,* dan jikkawża sparks u jinżel mal-art, iżda fil-każ odjern ma ġarax hekk.

17. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-istess xhud qal li s-*service wire* kien imġannat, u dan jiġri meta jkun hemm ħsara fuqu. Qal li dakinhar tal-ħruq

ma kienx hemm ħtieġa ta' tiswijiet fuq dan il-*wire,* u qal li kieku kien is-*service wire* li nħaraq, kien ikun hemm il-ħtieġa li tintefa s-*substation.*

18. Ix-xhud **Christopher Cutajar**, inġinier mas-soċjetà intimata, xehed quddiem it-Tribunal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kien wasal rapport fl-uffiċċju tal-*customer care* tas-soċjetà intimata, u bħala prekawzjoni ntbagħtu ħaddiema fuq il-post. Qal li meta marru l-*foreman* u l-ħaddiema tas-soċjetà intimata fuq il-post, dawn sabu li ma kien meħtieġ l-ebda intervent min-naħa tagħhom, u kienu saru wkoll verifiki li min-naħa tas-soċjetà intimata ma kien hemm l-ebda sospensjoni tal-elettriku. Qal li għalhekk kienu kkonkludew li ladarba ma kien hemm l-ebda sospensjoni fil-provvista, ma kien hemm l-ebda problema min-naħa tas-soċjetà intimata.

19. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, dan ix-xhud qal li mhuwiex minnu li l-problema li kkawżat il-ħruq kienet fis-*service cable* tal-Enemalta, għaliex ma kienx hemm sospensjoni fil-provvista tad-dawl. Dan ix-xhud qal li huwa normali li *wire* ikun imġannat, u qal fil-każ odjern, il-*wire* li jidher imġannat seta' kien hekk minn qabel seħħ l-inċident in kwistjoni.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

20. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa, ordna lis-soċjetà intimata tħallas l-ispejjeż mitluba minnhom flimkien mal-ispejjeż tal-proċeduri li saru quddiemu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Mill-provi jirriżulta mhux ikkontestat illi kien hemm ħruq fil-wires li kkawżaw ħsara fil-faċċata ta' Sunrose Flats, ġewwa Triq l-Għargħar, Qormi. Din il-ħsara kienet tammonta għal €3,750 skont stima li ġiet ippreżentata. Li huwa kkontestat huwa min kien responsabbli għal dan il-ħruq. Xehdu l-atturi u persuni oħra residenti f'Sunrose Flats, il-pulizija u impjegati tal-Melita u tal-GO li kollha marru fuq il-post immedjatament jew ftit wara, li kważi kollha qalu li raw lill-ħaddiema tal-Enemalta jirranġaw il-wires. Ix-xhieda tas-soċjetà konvenuta, fosthom L-inġinier u Carmelo Callus, li kien il-persuna li marret fuq il-post meta seħħ l-inċident, qalu li l-ħsara ma kinitx min-naħa tal-Enemalta tant illi ma kellu jsir ebda intervent għax is-servizz ma kienx ġie interrott. L-Inġinier Edward Gatt, li tqabbad mill-atturi, xehed u ppreżenta rapport fejn skont hu l-ħsara kienet ġejja minn* short circuit from the electricity wires providing supplies to the homes. *Fir-ritratti li ġew esebiti u li saret referenza għalihom fil-kontro-eżamijiet ta' Carmelo Callus u Inġinier Cutajar, jirriżulta li s-*service wire *ma setax jiġi identifikat fir-ritratt meta kien hemm il-ħruq filwaqt illi mir-ritratti esebiti wara l-inċident is-*service wire *jidher bħala wire imġonnot. Din it-tip ta' ġonta ssir meta jkun hemm ħsara għalkemm Callus baqa' konsistenti jgħid illi ma sarx dakinhar tal-inċident, iżda ma setax jgħid meta fil-fatt kienet saret. Mill-provi jidher illi xi tip ta' intervent sar min-naħa tal-Enemalta tant illi s-*service wire *jidher bil-ġonta u l-ħruq li kien hemm kien jindika vultaġġ qawwi u għalhekk it-Tribunal huwa konvint illi l-ħsara seħħet fil-*wires *li jappartjenu lill-Enemalta.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal fid-dawl tal-provi mressqa qiegħed jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna s-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' tlett elef, seba' mija u ħamsin euro (€3,750) mid-data tal-preżentata tat-talba odjerna sal-ħlas sħiħ u effettiv (fn. 3 Għalkemm saret referenza għall-protest ġudizzjarju 363/2020 datat 9 ta' Novembru, 2020 ma ġietx ippreżentata kopja matul il-kawża). L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta. It-talba għall-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju ma tistax tintlaqa' stante li ma ġietx ippreżentata kopja fil-proċess."*

## L-Appell

21. Is-soċjetà intimata ħassitha aggravata b'din is-sentenza tat-Tribunal, u interponiet appell minnha permezz ta' rikors intavolat fl-10 ta' Marzu, 2023, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-

sentenza tat-Tribunal, u sussegwentement tiddeċiedi dawn il-proċeduri billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta.

22. L-appellanta spjegat li l-appell tagħha sar abbażi tal-artikolu 8(2)(d) tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta), jiġifieri *ai termini* tad-dispożizzjoni li tgħid li indipendentement mill-ammont tat-talba, appell jista' jsir dejjem meta t-Tribunal allegatament ikun mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi, u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella. L-appellanta qalet li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità *ai termini* tal-liġi, bir-riżultat li l-jeddijiet tagħha ġew ippreġudikati. Qalet li t-Tribunal naqas li jkun imparzjali u li jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja, meta kkonsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-fatti, u barra minn hekk it-Tribunal naqas milli janalizza ċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ skont il-kriterji tad-diliġenza komuni, bil-konsegwenza li s-soċjetà Enemalta plc ġiet ikkundannata tħallas għal danni li ma ġewx ikkawżati minnha. Qalet li minkejja li fis-sentenza tat-Tribunal hemm sommarju tal-provi prodotti, it-Tribunal xorta waħda naqas milli janalizza dawn il-provi b'mod imparzjali u skont id-diliġenza komuni li huwa meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni skont l-ekwità. Hawnhekk l-appellanta għamlet riferiment għal uħud mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, fosthom dik ta' Claudio Pace, ħaddiem tal-Melita plc, li fix-xhieda tiegħu qal li meta huwa wasal fuq il-post il-ħruq kien intefa, u l-*cables* tal-Melita kienu kollha maħruqin. L-appellanta għamlet riferiment ukoll għax-xhieda ta' Carmelo Callus, ħaddiem tal-Enemalta, li qal li meta huwa wasal fuq il-post u ra li kien hemm *wires* maħruqin, ra wkoll li l-linji tal-Enemalta kienu għadhom f'posthom

u dawn ma kellhom problemi ta' xejn. Dan ix-xhud qal ukoll li kieku l-problema kienet ġejja mill-*wires* tal-Enemalta, huwa kien ikollu jmur jitfi s-*substation.* L-appellanta rreferiet ukoll għax-xhieda mogħtija mill-inġinier tal-Enemalta John Zammit, li qal li fir-rapport mogħti lilu ġie speċifikat li meta kien hemm il-ħruq, il-provvista ma ġietx interrotta, u l-istess xehed l-inġinier tal-Enemalta Christopher Cutajar, li wkoll qal li l-informazzjoni li ngħata kienet li l-provvista tad-dawl ma kellhiex għalfejn tiġi sospiża.

23. L-appellanta qalet li dawn ix-xhieda, ilkoll impjegati tagħha, kollha kemm huma ddikjaraw taħt ġurament li s-soċjetà li huma impjegati magħha ma kkawżatx il-ħruq mal-faċċata tal-fond tal-appellati, tant hu hekk li jirriżulta li l-appellanta ma kellha għalfejn tagħmel l-ebda intervent u lanqas kellha bżonn tissospendi l-provvista tad-dawl fl-inħawi. Qalet li mix-xhieda ta' Claudio Pace għandu jirriżulta li kienu l-*cables* tal-Melita plc li kienu maħruqin kollha, u żiedet tgħid li t-Tribunal injora din il-parti tax-xhieda.

24. L-appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, u qalet li l-provi prodotti jindikaw li hija ma kinitx responsabbli għall-inċident. Qalet li l-att jew ommissjoni jrid ikollhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti. L-appellanta qalet li l-appellati ma rnexxielhomx iġibu provi li juru li kien hemm xi att jew omissjoni da parti tagħha li kkawża d-danni sofferti mill-appellati. L-appellanta qalet li jirriżulta li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq prova li mhijiex rilevanti, jiġifieri fuq il-fatt li kien sar xi tip ta' intervent min-naħa tas-soċjetà appellanta, kif tindika l-ġonta tas-*service wire,* u li l-ħruq li kien hemm

jindika vultaġġ qawwi. L-appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal ibbaża ruħhu fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, filwaqt li injora għadd sostanzjali ta' provi, u għalhekk dan ifisser li s-sentenza tat-Tribunal hija nieqsa mid-dettami tal-ekwità.

**Ir-Risposta tal-Appell**

25. L-appellati qalu li s-sentenza tat-Tribunal ingħatat wara apprezzament xieraq u imparzjali tal-provi prodotti fil-proċeduri li saru quddiemu. Qalu li x-xhieda li s-soċjetà appellanta tgħid li ġew injorati mit-Tribunal mhux talli ma jsaħħux l-allegazzjoni tagħha li hija mhijiex responsabbli għad-danni kkaġunati lilhom, talli dawn ix-xhieda jsaħħu t-teżi tal-appellati. L-appellati qalu li x-xhieda prodotti mill-appellanta kienu ħaddiema tagħha, filwaqt li huma min-naħa tagħhom ipproduċew erbatax-il xhud, u sensiela ta' provi dokumentarji, inkluż rapport mill-Inġinier Edward Gatt, li jissostanzjaw il-pożizzjoni tagħhom, jiġifieri li s-sors tan-nirien kienu l-*wires* tal-Enemalta. L-appellati qalu li x-xhieda mogħtija minn Claudio Pace, partikolarment fejn dan qal li mill-*wires* tal-Melita ma jgħaddix vultaġġ qawwi u li jekk il-*wires* jintmessu bl-idejn ma tweġġax, juru li t-Tribunal kien korrett fl-evalwazzjoni li għamel, għaliex kien biss mill-*wires* tal-Enemalta li seta' jgħaddi vultaġġ qawwi li jikkawża dik it-tip ta' ħsara. L-appellati qalu li din ix-xhieda ġiet korroborata minn John Stivala, li anki hu qal li l-vultaġġ li jgħaddi minn dawn it-tip ta' *wires* mhux wieħed qawwi, u dan b'kuntrast mal-*wires* tal-Enemalta li minnhom jgħaddi 400 volt.

26. L-appellati għamlu riferiment għall-parti tar-rikors tal-appell tal-appellanta fejn din tgħid li Pace qal li meta wasal fuq il-post sab li l-*wires* tal-Melita kienu maħruqin kollha. Qalu li l-kwistjoni odjerna tikkonċerna il-ħruq mal-faċċata kollha tal-fond, u għalhekk huwa ovvju li l-*wires* tal-Melita kienu maħruqin. Qalu li l-fulkru tal-proċeduri fil-prim'istanza kellu jkun is-sors tal-ħruq u mhux x'attwalment inħaraq. Qalu li kieku ma nħaraqx kollox huma ma kinux isofru danni, u ma kienx ikun hemm ħtieġa għal dawn il-proċeduri.

27. L-appellati qalu li x-xhieda tas-soċjetà appellanta huma kollha xhieda parzjali, u s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda xhud indipendenti quddiem it-Tribunal. Qalu li kienu huma li pprovdew rapport ta' espert indipendenti li m'għandux l-interessi tal-Enemalta f'moħħu. Qalu wkoll li huma ppreżentaw sensiela ta' ritratti, li juru wkoll *wire* li ġie mġannat u li għadu hekk sal-lum, u dan il-*wire* imġannat ġie identifikat bħala s-*service cable* tal-Enemalta mix-xhud Chris Cutajar innifsu. L-appellati qalu li dan l-istess xhud spjega li meta jkun hemm ħsara, din tiġi rranġata billi l-*wire* jiġi mġannat.

28. L-appellati qalu li hemm differenza kbira bejn nuqqas ta' parzjalità u sitwazzjoni fejn il-provi huma ċari u ħadd ma jista' jmerihom. Qalu li kienet l-appellanta stess li kkonfermat li x-xhieda prodotti minnha huma ħaddiema tagħha, u anki x-xhieda prodotti mill-appellanta kkorroboraw il-pożizzjoni tal-appellati.

29. L-appellati qalu li l-provi f'dawn il-proċeduri jistgħu jinqasmu fi tlieta – jiġifieri l-provi tekniċi li jispjegaw li l-vultaġġ tal-*wires* tal-Enemalta huwa ħafna iżjed minn dawk tal-Melita u tal-GO; il-provi li juru li kien hemm ġonta fil-*cables*

tal-Enemalta; u l-provi l-oħra li juru l-kuntest fattwali ta' dak li ġara, fosthom l-*affidavits* tar-rikorrenti li magħhom hemm annessi ritratti tal-ħruq kif beda, u anki tal-*wires* u tal-*cables;* ix-xhieda *viva voce* ta' Neville Vella u r-ritratti ppreżentati minnu, li jinkludu ritratti ta' meta beda l-ħruq; l-*incident report* tal-Melita plc ppreżentat minn Marie Claire Tabone; ix-xhieda tal-PS 1284 Ian Caruana; l-istima u l-*claim form* li r-rikorrenti ressqu għall-attenzjoni tal-appellanta; ix-xhieda ta' Julian Fenech; ix-xhieda ta' Claudio Pace u l-kontro-eżamijiet ta' Christopher Cutajar u ta' Carmelo Callus. L-appellati qalu li dawn il-provi juru li s-sors tal-ħruq kienu l-*wires* tal-Enemalta. L-appellati qalu li ladarba ġie ppruvat is-sors tal-ħruq, ġie ppruvat ukoll li kien hemm ħtija jew inkella nuqqas ta' ħila min-naħa tas-soċjetà appellanta, u li din il-vertenza mhijiex sempliċiment dwar sospensjoni tal-elettriku, iżda dwar nirien li ħarqu faċċatta tal-fond, u li setgħu jiġu faċilment evitati bl-użu tal-prudenza u d-diliġenza min-naħa tas-soċjetà appellanta. L-appellati qalu li l-*wires* tal-Enemalta għadhom imġanta sal-lum, u dan jindika li s-soċjetà appellanta qiegħda tkun negliġenti għaliex hemm riskju li tiġri xi diżgrazzja bħal dik li diġà ġrat. L-appellati qalu li fi proċeduri ċivili, l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti, u l-appellanta ma pproduċiet l-ebda prova sabiex b'xi mod teskludi l-ħtija tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

30. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tar-risposta magħmula mill-appellati. Fl-uniku aggravju mressaq

minnha, l-appellanta qiegħda ssostni li m'hemm l-ebda rabta ta' kawża u effett bejn xi att jew ommissjoni min-naħa tagħha, u l-ħsarat li ġarbu l-appellati. L-inċident li wassal għall-proċeduri odjerni kien jikkonsisti fi ħruq f'*wires* imdendlin mal-faċċata tal-fond fejn jgħixu l-appellati, u l-kontestazzjoni ewlenija fil-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal kienet dwar minn fejn oriġina dan il-ħruq. Is-soċjetà appellanta permezz tal-aggravju mressaq minnha, tgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiemu u wera nuqqas ta' imparzjalità meta ddeċieda li hija għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li kellhom jagħmlu l-appellati. Dan għaliex ix-xhieda kollha prodotti mis-soċjetà appellanta, ilkoll qalu li l-ħsara ma oriġinatx min-naħa tagħha, u meta dawn marru fuq il-post ikkonstataw li ma kien meħtieġ l-ebda intervent min-naħa tagħhom u lanqas ma kien meħtieġ li jintefa d-dawl f'xi parti jew oħra fil-viċinanzi.

31. Il-Qorti kkonsidrat li quddiem it-Tribunal kien hemm diverġenzi fix-xhieda prodotti, u għalhekk it-Tribunal kellu jevalwa min mix-xhieda prodotti kien l-aktar kredibbli, qabel għadda biex jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar jekk it-talbiet tal-appellati kellhomx jintlaqgħu jew le. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li x-xhieda prodotti mill-appellanta huma kollha impjegati tagħha, li lkoll kemm huma kkonfermaw li preċedentement għall-inċident mertu tal-kawża odjerna, fis-*service cable* li kien għaddej minn mal-faċċata tal-fond kien hemm xi ħsara, tant hu hekk li dan is-*service cable* kien imġannat, kif jidher anki mir-ritratti esebiti. Minkejja dan, u minkejja l-ħruq estensiv li seħħ, l-impjegati tas-soċjetà appellanta ilkoll qalu li meta huma marru fuq il-post ikkonstataw li ma

kien meħtieġ l-ebda intervent min-naħa tagħhom, u lanqas ma kien hemm il-ħtieġa li tintefa' s-*substation.*

32. Iżda min-naħa l-oħra kien hemm ix-xhieda ta' uħud mill-appellati li raw in-nirien fl-ewwel mumenti li qabdu, u li setgħu jgħidu minn fejn beda n-nar. Marius Richard Cilia xehed li wara li seħħ il-ħruq mertu ta' dawn il-proċeduri, l-Enemalta għamlet biss *wire* temporanju minflok dak li nħaraq, li jindika li minkejja dak li seħħ, l-appellanta xorta baqgħet tittratta s-sitwazzjoni b'ċerta leġġerezza. Xhieda oħra qalu li meta fuq il-post waslu l-impjegati tal-GO u tal-Melita plc, dawn qalulhom li l-ħruq ma setax beda mill-*wires* tagħhom, allavolja l-*wires* tal-Melita u l-GO wkoll sofrew ħsarat, u dan għaliex il-vultaġġ li jgħaddi mill-*cables* tagħhom mhux qawwi biżżejjed biex jikkawża ħruq. L-Inġinier Edward Gatt, inkarigat mill-appellati, ukoll ikkonferma dan, u qal li n-nirien żviluppaw meta kien hemm *live wire* tal-Enemalta li nqata' minħabba vultaġġ għoli li ħoloq kurrent qawwi. Claudio Pace, li x-xhieda tiegħu ġiet iċċitata mill-appellanta in sostenn tal-aggravju tagħha, qal li l-ħruq seħħ meta kien hemm *phase* tal-Enemalta li nqata' minn mal-*mounting* tiegħu stess, mess l-*arm* tal-Enemalta, u kkawża l-ħruq. Min-naħa l-oħra kien hemm Carmelo Callus, impjegat tal-appellanta, li xehed li l-*wires* tal-Enemalta kienu kollha f'posthom meta huwa mar fuq il-post, u għalhekk il-ħsara ma oriġinatx mill-*wires* tal-Enemalta. Minkejja dan, għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-istess xhud ammetta li s-*service cable* kien imġannat. Tal-istess fehma kien Christopher Cutajar, inġinier mal-appellanta, li fix-xhieda tiegħu qal li ma kien hemm l-ebda sospensjoni fis-servizz, u għalhekk dan ifisser li l-ħruq ma oriġinax min-naħa tas-soċjetà appellanta.

33. Il-Qorti tqis li l-provi miġjuba mill-appellati u d-diversi xhieda mressqa minnhom, jgħelbu kemm fin-numru kif ukoll għal dik li hija kredibbilità, ix-xhieda mressqa mis-soċjetà appellanta. Mill-provi jirriżulta li kienu diversi x-xhieda li qalu li mill-*wires* tal-GO u tal-Melita ma jgħaddix vultaġġ b'saħħtu biżżejjed li jista' jikkawża ħruq. Dan ifisser li bi proċess ta' eliminazzjoni, kienu l-*cables* tal-Enemalta li ħadu n-nar u li kkawżaw il-ħsarat lill-appellati. Il-fatt li s-*service cable* li kien wieħed mill-*wires* li minnu oriġina l-ħruq li kkawża l-ħsara, kellu ħsara preċedentement għall-ħruq mertu tal-kawża u dan issewwa billi ġie mġannat, jindika li s-soċjetà appellanta kienet negliġenti fil-mod kif tħares il-proprjetà tagħha, anki fejn din in-negliġenza tista' tħalli effett fuq il-proprjetà ta' terzi. Il-fatt li wara inċident bħal dan, is-soċjetà appellanta reġgħet għamlet *wires* temporanji, jindika li lanqas wara dan l-inċident l-appellanta m'hija tieħu l-miżuri kollha li wieħed jistenna sabiex tassigura li xi ħaġa bħal din ma tirrepetix ruħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u tal-provi li ġew prodotti quddiem it-Tribunal, il-Qorti tqis li l-appellanta m'għandhiex raġun fil-pretensjoni tagħha li f'dan il-każ it-Tribunal ma kienx imparzjali, jew li t-Tribunal naqas milli jkun ekwitattiv fid-deċiżjoni tiegħu, għaliex il-provi miġjuba ma jħallu l-ebda dubju li l-ħruq li kkawża il-ħsarat jirriżulta li oriġina mill-*wires* tal-appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**